# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-25 ta' Frar, 2020**

Appell numru 72 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**John VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l- 14 ta' Frar, 2018 fil-konfront ta' John VELLA, karta tal-identità bin-numru 3468 (G) li ġie mixli:

Talli nhar it- 3 ta' Mejju, 2017 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel f'Sunshine Flats, Flat 8, Triq il-Qroqq Msida;

1) Fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttu ta' G.V. Gozo Developments Company Limited u persuna li jħaddem, naqas mIlli jħares is-saħħa u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan bIlli naqas mIlli jieħu passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol bIlli naqas mIlli jieħu miżuri neċessarji

sabiex waqgħat mill-għoli ikunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll jiżgura li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-użu ta' tali appart ma jkunx possibli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom ikunu provduti u għandhom jintużaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurta'. Naqas ukoll jiżgura li poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien;

2) Akkużat ukoll talli fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċita' tiegħu ta' persuna li tħaddem naqas mIlli jiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet sġeċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed jeħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kundizzjonijiet ya' użu ta' tagħmir protettiv personali, b' mod partikolari għal kemm ħin għandu jintilibes, skond il-bażi tas-serieta' ta riskju., il-frekewenza ta' kemm bniedemikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni jeħtieġu li tagħmir protetttiv personali jintilibes minn aktar minn persuna waħda jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew igjene għall-utenti differenti. Naqas li jiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċiet meħtieġa. Naqas mIlli jara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħardu kontrihom. Naqas ukoll li jiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rapreżentant għas-Saħħa u s-Siġurta' tal-Ħaddiema.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Art. 6 (1) (2) ta' Att 27/2000 Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolament 5 ta' l-iskeda IV (parti B Sezzjoni II) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L.. 424.29) tal-Liġijiet ta' Malta w l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1) (2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21) tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal multa ta' seba' mitt euro (€ 700).

3. Illi minn din is-sentenza John VELLA interpona appell permezz ta' rikors datat 26 ta' Frar, 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Health & Safety Sitting) fl-ismijiet *Il-Pulizija vs John VELLA,* nhar l-14 ta' Frar 2018, u dan bIlli tIllibera lill-esponent mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

> **Illi filwaqt Illi l-aggravji ta' l-esponent huma kollha ta' natura fattwali u ta' apprezzament ta' provi, l-ewwel aggravju tiegħu huwa li ma tressqet l-ebda prova li l-ħaddiem li jidher mir-ritratti jaħdem fuq bejt mingħajr tagħmir u mingħajr ilqugħ kien impjegat tiegħu, u li l-unika prova li tressqet in relazzjoni ma' l-inkarigu tiegħu, ir-ritratt tat-taraġ il-ġdid tal-konkos bl-*uprights* iżda mingr poġġaman huwa spjegabbli b'riferenza għall-kronoloġija tax-xogħlijiet;**
>
> Illi mhuwiex kontestat li kien hemm ħaddiem fuq il-bejt li kien qed jaħdem mingħajr tgħamir u mingħajr ilqugħ; fil-fatt, l-esponent semma fix-xhieda tiegħu li kien hemm anke ħaddiema oħra jaħdmu fuq it-terrazzini fejn ma kienx hemm ilqugħ. Madanakollu, il-prosekuzzjoni stess qed taqbel Illi kien hemm kuntrattur ieħor bil-ħaddiema jaħdmu fuq l-istess blokka, tant Illi fil-bidunett tax-xhieda tiegħu, Cachia stqarr Illi kien hemm kuntattur ieħor involut Illi ġie akkużat imma li ma tressaqx għaliex għażel li jħallas il-multa amministrattiva. F'dan il-punt, wieħed kien jippretendi li, ladarba l-uffiċjal tad-dipartiment kien pjenament konxju tal-fatt Illi kien hemm iktar minn kuntrattur wieħed, kien id-dmir tiegħu li jivverifika kull l-identità ta' kull ħaddiem li kien hemm fuq il-lant, u li jistabilixxi ma' kien kien impjegat kull ħaddiem. Minn dan kollu ma sar xejn;
>
> Illi l-uffiċjal ipprova jiddefendi l-aġir tiegħu bIlli fl-ewwel xhieda tiegħu iddikjara li kien John Vella stess li qallu li l-ħaddiema kienu kollha tiegħu, u fit-tieni xhieda tiegħu ikkoeġa ruħu u qal Illi kien Kevin Vella li qallu hekk. Dwar dan l-esponent jissottometti umilment:
>
> Illi ladarba huwa stabbilit, bix-xhieda ta' Clint Cachia nnifsu, Illi kien hemm kuntrattur ieħor fuq l-istess lant, Illi ukoll ġie akkużat imma li ma tressaqx għaliex ħallas multa amministrattiva, huwa ċar Illi l-ebda waħda mill-verżjonijiet ta' Clint Cachia ma għandha mis-sewwa u li bilfors li kien hemm ħaddiema ta' kuntrattur ieħor fuq il-lant;

Illi l-uffiċjal tad-dipartiment prattikament biddel il-verżjoni tiegħu fuq il-punti kollha fejn ġie rinfaċċjat bix-xhieda kontraddittorja ta' John Vella, li min-naħa tiegħu baqa' jsostni l-verżjoni tiegħu mingħajr tlaqliq u mingħajr kontraddizzjonijiet, b'mod Illi tilef kull kredibilità; u

Illi dwar kull diskors li seta' qal Kevin Vella dwar ħaddiem jew ħaddiema oħra (għalkemm huwa miċħud mill-akkużat li Kevin Vella qal diskors f'dan is-sens) jiġi rilevat (a) Illi ma ġiex stabbilit għal liema ħaddiema setgħet kienet ir-referenza u (b) Illi l-prova ma hi xejn ħlief *hearsay*; la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma ressqu lil Kevin Vella sabiex jixhed u għalhekk ma tistax issa l-prosekuzzjoni tibbaża l-każ tagħha fuq dak li allegatament qal xhud li ma tressaqx sabiex jixhed;

Illi l-unika prova li tressqet in konnessjoni ma' l-inkarigu li kienet effettivament qed taħdem fuqu l-kumpannija ta' John Vella kienet ir-ritratt li juri taraġ ġdid tal-konkos għadu mhux imkaħħal, fejn jidhru *uprights* ta' l-injam evidentement intiżi sabiex jitwaħħal poġġaman temporanju fuqhom. Dwar dan, l-esponent umilment jissottometti li hemm kronoloġija loġika li trid tiġi osservata; l-ewwel jitpoġġa t-taraġ, imbagħad jitwaħħlu l-*uprights* u mbagħad jitwaħħal il-poġġaman. Ir-ritratt esibit juri l-istadju fejn kienu tpoġġew l-*uprights* u kien ser jitwaħħal il-poġġaman. Fil-fatt ir-ritratti juru ukoll Illi fis-sulari sottostanti l-poġġaman kien tpoġġa diġà, u għalhekk huwa loġiku li t-twaħħil ta' l-aħħar poġġaman kien il-pass li jmiss. Għalhekk, ir-ritratt fih inniffsu mhuwiex prova li t-taraġ in kwistjoni kien qed jintuża mingħajr ilqugħ; il-fatt li kien hemm ħaddiem fuq il-bejt ma jfisser xejn, għaliex seta' tela' bil-*crane* tela' żgur mingħajr il-kunsens jew l-involviment ta' l-esponent, bIlli kien ħaddiem ta' kuntrattur ieħor li l-esponent ma kellux x'jaqsam miegħu;

**Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens Illi ż-żewġ akkużi dedotti fil-fatt jikkomprendu fihom għadd ta' akkużi differenti u l-ksur allegat ta' diversi artikoli ta' l-liġi separati u distinti minn xulxin, li dwar diversi minnhom ma tressqet l-ebda prova u li għalhekk ma kellhomx jirriżultaw; għalhekk, ladarba l-imputat instab ħati ta' l-kkużi kollha mingħajr distinzjoni u ġie kkundannat iħallas multa komplessiva, huwa għandu jiġi liberat minn dawk l-akkużi kollha li ma tressqux provi dwarhom;**

Illi dan jingħad in partikolari għall-akkuża taħt l-art. 17 ta' l-A.L. 121/03, bIlli rriżulta li l-kumpanija għandha impjegat wieħed biss, Kevin Vella, iben l-akkużat stess, u ma tressqet l-ebda prova li Kevin Vella ma ġiex ikkonsultat dwar miżuri għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

## *Ikkunsidrat: -*

4. Illi fit-3 ta' Mejju 2017 l-Uffiċjal Clint Cachia għan-nom tal-Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol kien għamel spezzjoni ġewwa Sunshine Flats, Triq Tal-Qroqq, l-Imsida, li hija blokka apartamenti ta' madwar erba' sulari u li fuqha kienet qegħda ssir estensjoni ta' żewġ sulari oħra. Hu aċċeda għas-sit taħt kostruzzjoni mill-parti l-antika diġa eżistenti u kif wasal fir-raba' sular it-taraġ kien wieqaf. Spjega li kien hemm żewġ gruppi ta' ħaddiema li wieħed minnhom kien mal-appellant, kien hemm ibnu kif ukoll ħaddiem ieħor li kien fis-sular ta' fuq nett. Saħaq illi ma kienx hemm taraġ u lanqas ma kien hemm *railing* sabiex jipprevjeni li persuna taqa' għoli ta' erba sulari. Kien hemm ukoll gallarija mingħajr *railings* u l-ħaddiem kien fit-tarf mingħajr ma kellu l-ebda tgħamir protettiv. Żied jgħid illi l-uniku lqugħ li kien hemm mat-taraġ kien għall-konkos ġaladarba dan jiġi mferra' (u mhux biex jipprevjenu waqgħat). Qal illi l-appellant mar fuq il-post wara li ibnu ċempillu fejn kien tkellem mar-rappreżentant u kienu twaqqfu x-xogħoljiet sakemm saru x-xogħolijiet rimedjali neċessarji. Meta mitkellem, l-appellant Vella kien ikkonferma wkoll il-preżenza t'ibnu Kevin Vella fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll ta' ħaddiem ieħor li kien jidher fir-ritratt.

5. L-appellant xehed u saħaq illi ma kienx minnu li hu kien mar fuq il-post. Jgħid li dakinhar hu kien tkellem biss m'ibnu telefonikament fejn kien infurmaħ dwar il-preżenza tar-rappreżentant tad-dipartiment in kwistjoni. Jgħid ukoll illi ma kienx minnu li hu tkellem ma Cachia u wisq iktar li qallu li l-ħaddiem li kien jidher li

qed jaħdem mingħajr l-ilqugħ protettivi, kien ħaddiem tiegħu. Hu saħaq li kellu biss żewġ ħaddiema oħra apparti ibnu dakinhar fuq il-lant tax-xogħol u dawn kienu Afrikani, apparti illi ma kienux qed jaħdmu fuq barra iżda biss fuq it-turġien.

***Ikkunsidrat: -***

6. Illi l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u li biħ jinstab akkużat l-appellant taħt l-ewwel akkuża jinqara kif ġej:

> (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:
>
> Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minnbarra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:
>
> Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.
>
> (2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -
>
> (a) li jiġi evitat riskju;
> (b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;
> (ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
> (d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
> (e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;
> (f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;
> (g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u

xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;
(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u
(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.

7. F'din l-akkuża, nsibu wkoll referenza għar-regolament numru 5 mill-Leġislazzjoni sussidjarja 424.29 li madankollu tħassar fis-sena 2018 u li fiż-żmien mertu ta' dan il-każ kien jittratta l-Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni.

8. Di piu' l-appellant jinstab ukoll akkużat talli naqas milli jiżgura l-użu ta' tgħammir protettiv jew li jaċċerta ruħu li jkun hemm kundizzjonijiet relatati ma dan ai fini mill-impjegati jew ħaddiema tiegħu sabiex jenforza l-użu tal-istess ilbies u tgħamir. Ġie wkoll mixli dwar in-nuqqas tal-appellant li jikkonsulta ma rappreżentant tas-saħħa u sigurta' tal-Ħaddiema skond diversi regolamenti taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21 u ċioe ir-regolamenti dwar rekwiżiti minimi għall-użu ta' tagħmir protettiv personali fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-imputazzjonijiet jorbtu ma xulxin u wisq probabbli kienet ir-raġuni għalfejn dawn ġew miġbura ilkoll fit-tieni imputazzjoni.

9. Illi mill-aggravji jirriżulta illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti tal-każ *per se*. L-appellant pero jiċħad kategorikament illi hu tkellem personalment mar-rappreżentant tal-Awtorita' li mar fuq il-post u kwindi jiċħad ukoll illi hu f'xi hin indikalu min kien qed jaħdem

miegħu dakinhar, fosthom persuna illi ma kellu l-ebda tgħamir jew ilbies protettiv filwaqt li kien qed jeżegwixxi xogħol fis-sit b'rikju potenzjalment illi jaqa' mill-għoli.

10. Mill-banda l-oħra r-rappreżentant li xehed anki quddiem din il-Qorti jinsisti illi filwaqt li kif wasal fuq il-post l-appellant ma kienx qiegħed preżenti, hu kien mar fuq il-post u tkellem miegħu wara li iben l-appellant li kien hemmhekk fl-ewwel stadju kien ikkomunika ma missieru dwar il-preżenza tar-rappreżentant tal-Awtorita' fuq il-lant tax-xogħol. Dan ix-xhud jisħaq illi l-appellant ikkonferma min kienu l-ħaddiema tiegħu dakinhar fejn semma fost oħrajn persuna li kienet evidentement qed taħdem mingħajr ilbies protettiv u li ġiet fotografata f'dan is-sens mir-rappreżentant tal-Awtorita'.

11. L-appellant itenni wkoll illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kien allegatament kien sar konfront bejn Cachia u Vella. Madankollu l-kontenut tal-istess u kwindi dak li seta' inbidel minn dawn il-verżjonijiet ma jiffurmax parti mill-proċess u konsegwentement ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni bħala prova kontra jew favur l-appellant f'dan il-każ u f'dan l-istadju.

12. Illi evidentement il-Qorti tal-Maġistrati emnet lil u straħet fuq dak illi xehed l-Uffiċjal Clint Cachia fil-konfront tal-appellant u ddeterminat is-sentenza tagħha a bażi tal-kredibbilta tax-xhieda li kellha quddiemha. Din il-Qorti mhix qegħda hemm biex tbiddel l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-

apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

13.B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

14.Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

15.Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

16. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

17. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

18. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

19. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

20. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

21.Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

22. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux

ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

23. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

24. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

25. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

26. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

27. Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

28. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

29. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u dibju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx, u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

30. Meta qieset ix-xiehda ta' Clint Cachia u dik tal-appellant, din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal li temmen il-verżjoni li xehed Clint Cachia. Anki meta ġie kkonfrontat mill-appellant, Cachia insista li kien tkellem mal-appellant dakinhar u li l-istess kien ikkonfermalu min kien il-ħaddiem tiegħu. Dan l-istess xhud speċifika min kien dan il-

ħaddiem allavolja ma kellux l-isem ta' dan il-ħaddiem u ħadlu ritratt. Veru li kien ikun aħjar kieku ġie supplit l-isem tal-ħaddiem sabiex wieħed jikkompara l-isem tiegħu mal-lista li kellhom il-*Jobsplus* dwar l-impjegati tal-kumpanija tal-appellant fiż-żmien in kwistjoni. Iżda l-fatt li dan ix-xhud saħaq li kien l-appellant innifsu stess li qallu min kien il-ħaddiem tiegħu, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, kien biżżejjed.

31. Madankollu Cachia baqa' jisħaq illi mhux biss tkellem mal-appellant talli kien l-appellant stess illi qallu dak id-diskors. In oltre jekk dak li xehed Cachia jitwemmen, u jidher li l-Qorti tal-Maġistrati emnitu, m'hemmx dubbju illi dak il-ħaddiem kif jidher fir-ritratt, ma kienx liebes ilbies protettiv adegwat u/jew li kien qed juża irbit protettiv sabiex jevita li jaqa' mill-għoli.

32. Cachia kompla jgħid li hu daħal mill-appartament sabiex aċċeda għas-sit in kwistjoni u li b'hekk kellu jitla' t-taraġ li kien qed jiġi mibni mill-appellant u mill-ħaddiema tiegħu biex jasal fejn wasal u biex janalizza l-istat tax-xogħolijiet li kienu qegħdin isiru u l-mezzi protettivi jew ta' sigurta' li kienu ittieħdu jekk kien hemm minnhom. Dan l-istess xhud jindika illi safejn wasal hu kien hemm taraġ mingħajr l-ilqugħ protettiv meħtieġa, u li l-injam mgħammar u li kien jidher fir-ritratt numru sitta (6) ma kienx sufficċjenti sabiex jassikura l-protezzjoni meħtieġa lill-ħaddiema jew lil persuni li setgħu jaċċedu għas-sit.

33. L-appellant ċaħad li kien indika l-ħaddiem fir-ritratt numru erbgħa (4) bħala li kien il-ħaddiem tiegħu, u insista li l-injam fir-ritratt

numru sitta (6) kien filfatt ilqugħ suffiċjenti u li ma jista' jsir xejn aktar minn hekk peress illi t-taraġ kien għadu qed jinbena u konsegwentement l-ilqugħ ma jistax jiġi nstallat qabel ma jsir it-taraġ. Jisħaq illi t-taraġ ma kienx għadu nbena kollu f'dak l-istadju u kwindi l-ħaddiem fir-ritratt numru erbgħa (4) li kien qed jagħmel xogħol fuq barra, u mhux fit-taraġ li kien qed jinbena minnhom, kien ir-responsabbilta' ta' kuntrattur ieħor fuq l-istess lant tax-xogħol. L-appellant jgħid li dak il-ħaddiem ma setax jaċċedi mit-taraġ li kienu qegħdin jibnu, iżda kellu bilfors jaċċedi minn xi appartament fil-blokka, x'aktarx għadda minn xi xaft permezz ta' sellum. L-appellant jgħid ukoll illi hu kien qiegħed Għawdex dakinhar u li hemm min jista jikkonferma dak il-fatt – għalkemm ma ressaq ebda prova oħra f'dan ir-rigward.

34. L-istess jista jigħad għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni dwar il-ħaddiem fir-ritratt numru erbgħa (4), liema fatt ukoll seta' fil-fehma ta' din il-Qorti jiġi kkonfermat minnu ulterjorment bix-xhieda. Biss minn analizi li għamlet din il-Qorti mid-dokument eżebit mir-rappreżentant tal-*Jobsplus*, jidher illi effettivament, apparti Kevin Vella u l-appellant, fi żmien mertu ta' każ kien hemm ukoll impjegati ċertu David Peter Terrer bħala *skilled labourer*, Joseph Spiteri bħala kaħħal u Steven Vella bħala *laburer*. Dan jikkontradiċi dak illi saħaq l-appellant fl-appell tiegħu fejn insista li dak iż-żmien ibnu biss kien jidher bħala impjegat tas-soċjeta in kwistjoni.

35. Fir-rigward tar-ritratti eżebiti tax-xogħolijiet li kienu qegħdin isiru, evidentement Cachia iffokka fuq ix-xogħol li kien qed jagħmel l-

appellant bil-ħaddiema tiegħu u mhux fuq ix-xogħol li kien qed isir fuq barra, fejn skond dak li saħaq hu kien hemm ħaddiema oħra jikkonduċu xogħol ieħor ukoll kontra r-regolamenti u li twaqqfu wkoll, fejn ittieħdu miżuri wkoll kontra terżi.

36. Finalment jingħad illi fil-fehma tal-Qorti dak illi l-appellant jirreferi għaliħ bħala serattiz b'saħħtu biżżejjed mhuwiex mal-ewwel daqqa t'għajn għoli biżżejjed sabiex jissalvagwardja persuni fuq il-lant tax-xogħol milli jaqgħu għoli ta l-fuq minn erba' sulari. Dan qiegħed jingħad peress illi l-injam inserit u li jidher fir-ritratt a folio 6 tal-atti proċesswali huwa prattikament ftit aktar għoli mit-tarġa nnifisha. Din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li dan ma kienx jikkostitwixxi lqugħ suffiċjenti a sodisfazzjoni tar-regolamanti in kwistjoni.

37. Apparti minn hekk, u lil hinn mill-kontroversja dwar il-ħaddiem, jirriżulta wkoll li l-kliem użat mill-Liġi fl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta huwa tant wiesa' li ma jinkludix biss ħaddiema impjegati ma' min ikun iħaddem. Il-kliem preċiżi huma dawn :

> **Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà <u>tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem</u>**

38. L-obbligu li min iħaddem iħares is-saħħa u s-sigurta jestendi għal dawk il-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal min ikun qed iħaddem. Mela din il-lokuzzjoni tinkludi kemm dawk li jkunu impjegati ma' min ikun iħaddem, kif

ukoll persuni oħra li jkunu fuq l-istess sit. Kwindi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu.

39.Mill-banda l-oħra t-tieni imputazzjoni hija bażata fuq l-allegat ksir tas-segwenti regolamenti : -

> 4. Tagħmir protettiv personali għandu jintuża meta r-riskji ma jistgħux jiġu evitati jew limitati biżżejjed minn mezzi tekniċi ta' protezzjoni kollettiva jew minn miżuri, metodi jew proċeduri ta'organizzazzjoni tax-xogħol, jew kif xort'oħra meħtieġ mill-artikolu 6(2) ta' l-Att.
>
> 5.Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li, meta jkun japplika, kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-disposizzjonijiet speċifikati fir-Regolamenti dwar it-Tagħmir Protettiv Personali.
>
> 6.Fejn il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu jiżgura li dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti.
>
> 7.Min iħaddem għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm mingħandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali.
>
> 8.Jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti.
>
> 10.(1) Tagħmir protettiv personali għandu jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem.

(2)Min iħaddem għandu jiżgura li t-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kondizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa.

11.Qabel ma xi ħaddiem juża tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom.

17.(1) Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-ħaddiema għandu jiġi kkonsultat skond ma hemm speċifikat fl-artikolu 6(4) ta' l-Att, u skond ir-Regolamenti dwar id-Disposizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-postijiet tax-Xogħol.
(2)Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-ħaddiema għandu d-dritt jitlob lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri adatti usabiex jagħtih proposti għal dak il-għan sabiex inaqqas il-perikli għall-ħaddiema u, jew ineħħi kull kawża tal-periklu.
(3)Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-ħaddiema m'għandux jiġi żvantaġġjat minħabba fl-attivitajiet tiegħu.

40. Bid-dovut rigward il-provi f'dan il-każ juru li, għal massimu, l-appellant ma pprovdiex apparat ta' sigurta lil ħaddiem tiegħu li kien qiegħed jaħdem f'kundizzjoni ta' riskju għoli għas-saħħa u s-sigurta tiegħu. Din il-Qorti tista' tqis li minn dawn il-provi jista' jitqies integrat il-ksur tar-regolament numru 4. Iżda l-kumplament kienu jkunu applikabbli għal xenarji differenti minn dak li ħarġu minn dan il-każ – fosthom fejn min iħaddem jipprovdi apparat, jew meta jipprovdi apparat ta' sikurezza, dan ma jkunx tal-livell meħtieġ, eċċetra. L-appellant għandu raġun meta jargumenta li l-provi f'dan il-każ ma jistgħux iwaslu għal sejbien ta' ħtija tat-tieni imputazzjoni *en bloc* kif għamlet il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk għalkemm hemm bażi għal konferma ta' ħtija fuq it-tieni imputazzjoni kwantu għall-ksur tar-regolament numru 4 tal-L.S. 424.21, din il-Qorti ma tqisx li dan jista' jsir fir-rigward tal-ipoteżi

l-oħra kollha previsti mill-Prosekuzzjoni u msemmija fit-tieni imputazzjoni.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddeċiedi illi tilqa' l-appell ta' John VELLA in parte billi filwaqt li :

(a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, u

(b) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni speċifikament b'riferenza għar-reat ta' ksur tar-regolament 4 tal-L.S. 424.21;

**u minflok : -**

(c) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni speċifikament tar-reat ta' ksur tar-regolamenti 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-L.S. 424.21, u b'hekk tiddikjarah mhux ħati ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-L.S. 424.21; u

(d) tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' multa ta' seba' mitt euro (€700) u minflok tikkundannah għal multa komplessiva ta' ħames mitt euro (€500).

Altrimenti safejn mhux mibdula b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***